**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Ġurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Ġenerali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2021**

**Rikors Ġuramentat numru:- 25/2020BS**

**Francis Bonello (K.I. numru 24268G), Carmen Bajada (K.I. numru 10745G), li tidher kemm f'isimha propju kif ukoll għan-nom tal-assenti Saviour sive Sam Bajada (Liċenzja tas-sewqan tal-istat ta' Victoria, Awstralja numru 588852) kif awtorizzata in forza ta' prokura annessa mal-att tan-Nutar Enzo Refalo tas-26 ta' Marzu 2015 u ta' Maryann Theuma (Passaport numru 880560) mart Joseph Theuma, awtorizzata in forza ta' prokura annessa mal-att tan-Nutar Enzo Refalo tas-26 ta' Marzu 2015 kif ukoll għan-nom tal-imsiefer Charles Zammit residenti Detroit, l-Istat ta' Michigan, l-Istat Uniti tal-Amerka (Passaport numru 451355676), Fortun Zammit (Passport numru 436056943) residenti Detroit, l-Istat ta' Michigan, l-Istati Uniti tal-Amerka, kif ukoll għan-nom ta' Carmen Refalo armla ta' Victor Bajada residenti Footscray, Victoria, l-Awstralja debitament awtorizzata in forza ta' prokura annessa mal-att tan-Nutar Enzo Refalo tat-18 ta' Mejju 2015, Maria Attard (K.I. numru 308079M) mart Warren Attard, Emmanuel Bajada (K.I. numru 367074M), Victor Bajada (K.I numru 66546G), Dolores sive Doris Formosa (K.I. Numru 65650G), Mary Bajada (K.I. Numru 65359G) legalment separata minn Joseph Formosa, Joseph Bajada (K.I. Numru 321469G), Carmel Bajada (K.I. Numru 8959G), Emmanuel Bajada (K.I. 31963G), Salvina mart Charles Theuma (K.I 57457G) u Joseph Bajada (K.I. numru 31766G), Lorenza Bajada (K.I. numru 8935G) armla ta' Ġorġ**

**Bajada, Michael Bajada (K.I. numru 4461G), Salvina Barbara (K.I. numru 58958G), Mary Rose Cassar (K.I. numru 55854G), Carmel Bajada (K.I. numru 99447G) u Saviour Bajada (K.I. Numru 45651G)**

**-vs-**

**Dolores sive Doris Bajada, karta tal-identità numru 37488G; Reverendu Francis Bajada, karta tal-identità numru 5166G; Victor Bajada, karta tal-identità numru 71549G; Carmen Bajada, karta tal-identità numru 26147G; Margareth mart Philip Azzopardi, karta tal-identità numru 34355G, Salvina mart Carmel Abdilla, karta tal-identità numru 32751G; u Joseph Bajada, karta tal-identità numru 32146G u b'digriet tal-24 ta' Frar 2021 ġiet kjamata fil-kawża Angele Bajada karta tal-identità numru 15177G**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat u maħluf minn Francis Bonello fis-6 ta' Mejju 2020 fejn ippremettew:**

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata 5 ta' Mejju 2020, l-atturi minn barra l-imsemmi Francis Bonello daħlu f'att ta' konvenju mal-istess Francis Bonello fejn ippromettew illi jbigħu u jitrasferrixxu lilu bħala Francis Bonello, kompratur, li da parti tiegħu obbliga ruħu li jixtri u jakkwista mingħand il-vendituri, is-sitta minn sebgħa (6/7) partijiet indiviżi, ossia d-drittijiet kollha spettanti lill-vendituri mid-dar numru tnejn u sebgħin (72), fi sqaq li jwassal għal Triq Sant'Anton, ix-Xagħra, Għawdex bl-art annessa magħha, tal-kejl ta' ċirca elf mitejn u ħdax-il metro kwadi (1,211m.k.) jew kejl verjuri, u liema art hija konfinanti minn nofsinhar in parti ma' beni tal-kompratur u in parti ma' beni ta' terzi mhux magħrufa, lvant ma' beni ta' Karistu Gauci u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' terzi mhux magħrufa, lvant ma' beni ta' Karistu Gauci u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' terzi mhux magħrufa, kollox liberu u frank, bid-drittijiet, ġjus u pertinenzi kollha tiegħu u bil-pussess vakanti li kopja tagħha qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dokument A:

2. Illi l-esponenti jixtiequ li l-imsemmi immobbli jinbiegħ lill-attur Francis Bonello u għal dan il-fini jiddikjaraw li huma jidhrilhom li jottenew prezz vantaġġjuż;

3. Illi minkejja dan il-konvenuti qed jirrifjutaw illi jokkoperaw mal-atturi u jagħtu l-kunsens tagħhom għal dan il-bejgħ.

4. Illi għalhekk skont l-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jeżistu l-estremi kollha sabiex dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-bejgħ propost għaliex ir-rikorrenti flimkien mal-intimati huma komproprjetajri tal-immobbli in vendita; il-proprjetà ilha hekk miżmuma in komuni għal aktar minn tlett snin; sal-ġurnata tal-lum ħadd għadu ma istitwixxa xi kawża quddiem xi Qorti rigward id-diviżjoni ta' dina l-proprjetà; il-komproprjetarji mhumiex jaqblu fuq il-bejgħ ta' din il-proprjetà; ħadd mill-kompropretarji dissenti mhu sejjer ikun gravament ippreġudikat fl-eventwalità li l-Qorti tordna l-bejgħ ta' din il-proprjetà; u l-prezz patwit u propost huwa wieħed ġust u xieraq.

5. Illi l-atturi jafu b'dawn il-fatti l-personalment u għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tordna l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rikors fil-gazzetta tal-Gvern u f'gazzetti oħra lokali ai termini tal-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna notifika ta' dan ir-rikors lill-konvenuti kollha a tenur tal-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tapprova l-bejgħ propost u tawtorizzahom dan l-istess bejgħ skont il-liġi;

4. Tordna l-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgħ li jinkludi wkoll il-kwoti spettanti lill-konventi fid-data u l-ħin u l-lok li jiġu ffissati; u

5. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att ta' bejgħ opportun u bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konventi għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti kollha ippreżentata u maħlufa minn Dolores sive Doris Bajada (K.I. 37448G) fil-25 ta' Ġunju 2021 fejn jippremettew:**

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-intimati m'humiex il-leġittmi kontraduri stante li fil-mument li ġie ppreżentat ir-rikors huma ma kienx għada baqgħalhom sehem mill-proprjetà oġġett tar-rikors;

2. Illi fit-tieni lok u in linea preliminari wkoll u bla preġudizzju għall-eċċezzjoni ta' hawn fuq, in-nullità tar-rikors stante illi r-rikors huwa nieqes minn dak li jitlob tassattivament l-Artikolu 495A(2) tal-Kodiċi Ċivili;

3. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili m'humiex applikabbli għal każ in diżamina;

4. Illi subordinament u dejjem bla preġudizzju għall-premess l-estensjoni tal-art oġġett fil-kawża tista' tiġi diviża mingħajr diskapitu;

Salv tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamata fil-kawża Angele Bajada (K.I. 15177G) ippreżentata u maħlufa fis-26 ta' Frar 2021 fejn tippremetti:**

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, hemm in-nullità tar-rikors ġuramentat stante illi r-rikors huwa nieqes mir-rekwiżiti li jitlob tassattivament l-Artikolu 495A(2) tal-Kodiċi Ċivili;

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni ta' hawn fuq, l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili ma japplikax għall-kaz in diżamina. Billi l-proċedura taħt l-Artikolu 495A tista' tintuża biss minn komproprjetarji, is-sehem li l-aħwa Bajada ulied George għandhom

mill-wirt ta' missierhom George Bajada ma jistax iservi biex jigu meqjusa lkoll bħala "komproprjetarji ta' kull ħaġa" fil-proprjetà miżmuma in komun (Artikolu 495) fid-dawl tad-dispozizzjonijiet taħt l-Artikolu 495(3) tal-Kap. 16 li jipprovdi espressament għal dawk iċ-ċirkostanzi fejn l-Artikolu 495A m'għandux japplika;

3. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-prezz li bih l-atturi ntrabtu li jbigħu lil Francis Bonello mhuwiex wieħed vantaġġjuż;

4. Illi fir-raba' u wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, m'hemmx lok li l-Qorti tapplika l-estremi tad-dispożizzjonijiet taħt l-Artikolu 495A(9), u tordna l-liċitazzjoni;

5. Illi fil-ħames lok u dejjem bla preġudizzju għall-premess l-estensjoni tal-art oġġett fil-kawża hija kbira biżżejjed u hi komodament diviżibbli u l-liġi tiffavorixxi d-diviżjoni in natura fuq il-liċitazzjoni, u l-esponenti għandha dritt titlob sehemha in natura stante li għandha proprjetà oħra tagħha li tmiss ma' din l-art;

6. Illi fis-sitt lok il-bejgħ mitlub huwa ta' preġudizzju għall-esponenti;

7. Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat l-atti tal-kawża inkluż id-dokumenti u x-xhieda;

Rat ukoll li fis-seduta tat-2 ta Frar, 2021, il-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi għall-kjamata in kawża ta' Angele Bajada;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti awtorizzat lill-partijiet il-fakultà li jippreżentaw in-nota tas-sottomissjonijiet u illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-lum;

Rat li l-partijiet ippreżentaw in-noti ta sottomissjonijiet tagħhom;

**Ikkunsidrat**

Din hija kawża a tenur tal-Artikolu 495A tal-Kap 12 Liġijiet ta Malta. Il-fatti li taw lok għal din il-kawża huma s-segwenti:

L-atturi kollha, eccètto Francis Bonello, għandhom bejniethom sitt ishma minn sebgħa (6/7) indiviż mid-dar numru 72, fi sqaq li jwassal għal Triq San Anton, ix-Xagħra, Għawdex, bl-art annessa magħha tal-kejl ta' circa elf mitejn u ħdax metru kwadru (1211m.k.). Is-sehem l-ieħor ta' wieħed minn sebgħa (1/7) li kien tal-konvenuti, ġie mibjugħ lill-kjamata in kawża Angele Bajada fl-4 ta' Mejju, 2020 għall-prezz ta' tlieta u erbgħin elf, mitejn ħamsa u tmenin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€43,285.71). Mill-affidavit tal-kjamata in kawża jirriżulta illi l-art in kwistjoni għaddiet għand il-partijiet fil-kawża f'Ottubru 2014, minn meta mietet Emanuela Bajada, li kienet sid il-fond u l-art annessa.

Fil-05 ta' Mejju, 2020, l-atturi eccètto Francis Bonello, resqu fuq konvenju mal-istess Francis Bonello għall-bejgħ ta' sehemhom mill-fond u l-art annessa mertu tal-kawża liema sehem jammonta għal sitt partijiet minn sebgħa (6/7) , għal valur komplessiv ta' tlett mija u tnejn elf, tmien mija u dsatax-il ewro (€302,819).

**Ikkunsidrat**

L-ewwel nett imiss li din il-Qorti tqis il-*locus standi* ta Francis Bonello fil-proċedura odjerna. Jirriżulta li dan l-attur sal-lum m'għandu l-ebda sehem fil-fond 72, fi sqaq li jwassal għal Triq Sant'Anton, Xagħra, Għawdex. Huwa jikkwalifika biss bħala l-akkwirent prospettiv tal-proprjetà imsemmija. Issa huwa minnu li fil-proċedura li ssir taħt l-Artikolu 495A għandha tkun bejn il-kopropjetarji. Mill-banda l-oħra l-preżenza ta' dan l-attur ma jidhirx li ser tagħti lok ta' spejjeż ġudizzjarji żejda in kwantu li ġie ppreżentat att wieħed u l-atturi kollha huma assisti mill-istess avukat. Huwa minnu wkoll li wieħed jista' jargumenta li Francis Bonello għandu interess f'dan il-proċess billi huwa daħal f'konvenju mal-bqija tal-atturi l-oħra sabiex jakkwisa sehemhom mill-fond u l-art mertu ta' din il-kawża. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi għalkemm Francis Bonello ma hux koproprjetarju u għalhekk il-preżenza tiegħu ma hix meħtieġa madankollu l-istess preżenza ma hix ser tkun ta' preġudizzju għal ebda parti.

Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-konvenuti, ġie esebit kuntratt ta' akkwist li permezz tiegħu il-kjamata in kawża Angele Bajada akkwistat is-sehem ta wieħed minn sebgħa li kien jappartjeni lill-konvenuti. Mal-akkwist ta' dak

is-sehem il-kjamata in kawża daħlet fiż-żarbun tal-konvenuti u għalhekk fil-kawża odjerna hija din il-kjamata in kawża li għandha interess ġuridiku. Bil-kuntratt ta bejgħ, il-konvenuti għaddew id-drittijiet u l-pretensjonijiet kollha tagħhhom versu is-sehem mibjugħ, lill-akkwirenta Angele Bajada. Il-Qorti għalhekk ser tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju.

**ID-DRITT**

L-Art. 495A dahal fil-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta in forza tal-Att XVIII tal-2004. Id-dispożizzjoni tagħti l-fakoltà lill-Qorti li tawtorizza bejgħ ta' proprjetà in komuni meta "grupp ta' komproprjetarji li jridu jbigħu l-proprjetà u wieħed minnhom ma jridx ibiegħ kapriċċjożament." (Onor. Carmelo Mifsud Bonnici – Laqgħa tal-11 ta' Mejju 2004 tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi).

L-Ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi segwenti:

***"(1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu."***

B'mod ġenerali, l-għan ta' dan l-artikolu kien intiż biex jiffaċilita ttrasferiment ta' proprjetà fl-intier tagħha meta jkun hemm propjetarji ta' minoranza ta' ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment tal-intier tal-proprjetà in komun. Għalkemm din il-liġi tista' tiġi interpretata bħala bejgħ furzat għar-rigward tal-minoranza dissendenti, huwa d-dover tal-Qorti li tara u tassigura li ma jsirx abbuż u, jew sfruttament u li l-minoranza ma tbati ebda preġudizzju.

Huwa ormai stabbilit u aċċettat mill-qrati tagħna[1] illi "*l-artikolu 495A tal-Kap 16 huwa eżemplari eċċelenti ta' dan il-kompromess. Propjetà li titħalla mhux maqsuma għal iktar minn għaxar snin [Jew għal tlett snin fil-każ ta' wirt li jiġi fis-seħħ wara l-1 ta' April, 2016], li huwa diġà perjodu twil ħafna, tista' tinbiegħ mill-komproprjetarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma b'kundizzjoni waħda suprema: li l-komproprjetarji dissidenti ma jkunux gravement ppreġudikati. Għalhekk mhux bizzejjed li jiġu ppreġudikati, imma jinħtieg li jkunu gravament ippreġudikati. Hawn il-leġislatur qed jagħmilha ċara li anke jekk il-kundizzjonijiet tal-bejgħ ma jkunux ottimali, jew l-aħjar li jistgħu jinġiebu fis-suq, xorta waħda l-bejgħ irid isir; il-linja trid tinqata' u tinqata' malajr. Altrimenti jiġi imminat l-iskop kollu tal-precitat artikolu 495A tal-Kap 12.*"

L-istess ingħad mil-Qorti tal-Appell Ċivili[2] fejn ġie konkluż illi "*Meta l-liġi fl-artikolu msemmi ssemmi l-kelma preġudizzju tinftiehem li dan irid ikun gravi – b'tali mod li l-bejgħ eventwali tal-proprjetà in kwistjoni jkun biex wieħed juża terminu bl-ingliż " manuifestly unfair" għad-dissident.*'

L-Artikolu 495A (2) jelenka d-dokumenti li għandhom jiġu annessi mar-rikors promotur: a) dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ; b) prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu; u c) il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ.

**Ikkunsidrat**

Kif ġià ingħad aktar 'l fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li huma ma humiex leġittimi kontraditturi ser tiġi milqugħa minn din il-Qorti u dana billi jidher ċar mid-dokumenti kollha esebiti li l-konvenuti fl-4 ta' Mejju,2020 biegħu sehemhom ta' parti waħda minn sebgħa (1/7) indiviż mill-art mertu ta' din il-kawża lill-kjamata in kawża.

Rigward it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti din hija l-istess bħal l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-kjamata in kawża. Il-Qorti ser tiċħad tali eċċezzjonijiet u dana għar-raġunijiet li ġejjin. Fl-ewwel lok l-atturi f'din il-kawża ppreżentaw il-konvenju iffirmat mill-atturi kollha ma Francis Bonello[3]. Ippreżentaw ukoll l-arblu ġeneoloġiku kif ukoll il-kwoti rispettivi

---

[1] Josephine Grech pro et noe vs. George Joseph Parnis, Prim Awla, deċiża 6 ta' Frar, 2017.
[22] Nutar Richard Vella Laurenti vs John Vella Laurenti, Appell Ċivili, 27 ta' Jannar, 2017.
[3] A fol 6 sa fol 10 tal-proċess

ta' kull parti fil-kawża[4]. Barra minn hekk il-Qorti hija tal-fehma li r-rikors ġuramentat tal-atturi eccètto Francis Bonello jammonta għad-dikjarazzjoni tas-sidien li qed jaqblu li jsir il-bejgħ.

Issa il-kjamata in kawża u l-konvenuti fin-nota ta sottomissjonijiet tagħhom jgħidu li l-arblu ġeneoloġiku u l-kwoti rispettivi tal-partijiet hemm identifikati mill-atturi a fol 53 tal-process sar bil-moħbi tagħhom u għalhekk huma ma setgħux jġibu provi li jikkontradixxu l-kontenut tad-dokument. Isostnu li jekk il-Qorti tagħzel li ma tisfilzahx xorta waħda l-kontenut tiegħu ma hux korrett u għandu jiġi skartat.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li d-dokument li jagħmlu referenza għalih il-konvenuti u l-kjamata in kawża ġie ppreżentat fl-14 ta' Jannar, 2021. Fil-konfront tal-konvenuti, billi dawn biegħu sehemhom indiviż lil Angele Bajada u għalhekk ma humiex leġittimi kontraditturi allura il-preżenza tad-dokument li qed jilmentaw dwaru fl-atti ma hix ta pregudizzju għalihom. Fil-konfront tal-kjamata in kawża din il-Qorti laqgħet it-talba sabiex tiġi kjamata fil-kawża fit-2 ta' Frar, 2021, wara li ġie ppreżentat id-dokument in atti u għalhekk kien jinkombi fuq l-istess kjamata fil-kawża illi tifli l-atti sabiex tkun edotta minn dak kollu li kien ġie ppreżentat qabel daħlet fil-kawża hi. Fid-dawl ta dan il-Qorti tqis li l-argument sollevat ma hux ġustifikat.

Barra minn hekk fin-nota ta' sottomissjonijiet il-kjamata in kawża tallega li l-kwoti mniżżla ma humiex korretti. Il-Qorti però ser tiskarta tali argument billi ma hux sostnut bi provi.

Rigward it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-kjamata in kawża u t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti din il-Qorti fliet id-dikjarazzjoni *Causa Mortis* esebita a fol 99 tal-proċess. Minn dan id-dokument jirriżulta li sehem Giorgio Bajada mill-art mertu ta' din il-kawża tħalla użu u użufrutt lil martu Lorenza Bajada. Huwa minnu wkoll li Lorenza Bajada hija attriċi fil-kawża odjerna però il-fatt li sehem wieħed mill-proprjetà huwa suġġett għal użufrutt dan huwa ta' xkiel sabiex titressaq kawża bħal dik tal-lum. Dan qed jingħad billi ma tistax tinġieb azzjoni taħt l-Artikolu 495A meta l-

[4] A fol 52 tal-proċess

ġid miżmum komuni jkun suġġett għal xi dritt ta abitazzjoni, użu jew użufrutt, għal dak iż-żmien li tulu jkun fis-seħħ dak id-dritt.

Ingħad ukoll illi *"Dan jgħodd ukoll fejn il-persuna li jkollha l-jedd ta' użu u użufrutt fuq il-ħaġa mertu tal-proċedura tkun uriet il-ħsieb li, jekk meta jsir il-bejgħ, hija lesta li tirrinunzja għal dak il-jedd."* [5] Fi kliem ieħor, billi parti mill-propjetà mertu tal-kawża għadha soġġetta għad-dritt ta' użufrutt favur l-attriċi Lorenza Bajada, allura l-atturi l-oħra m'humiex meqjusa komproprjetarji għal finijiet u effetti tal-Artikolu 495A.

Il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont ta' dan kollu l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili ma jistax jiġi applikat għaċ-ċirkostanzi legali u fattwali tal-każ odjern u għalhekk ser tgħaddi sabiex filwaqt li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-kjamata in kawża u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti , tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi stante li dawn jirriżulta li ġew eżawriti tul il-proċess ġudizzjarju u tiċħad il-bqija tat-talbiet attriċi.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet u l-motivi ġià espressi il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju billi ma humiex leġittimi kontraditturi.

Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti.

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-kjamata in kawża.

Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u t-tieni eċċezzjoni tal-kjamata in kawża u għalhekk filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni talbiet attriċi stante li dawn illum jirriżulta illi huma eżawriti, tiċħad il-bqija tat-talbiet attriċi.

[5] Ethel Muscat et vs Mary Mangion et, Appell Ċivili, deċiża 23 ta' Novembru, 2020.

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi f'sehem indaqs bejniethom.**

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur